Patri Ġużepp Vella

# 90 Sena Parroċċa

Is-Sena li għaddiet fakkritna fil-130 sena mill-bidu tad-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cour f'Tas-Sliema. Din is-sena tfakkarna wkoll fil-bidu ta' l-ewwel festa titulari li Dun Pawl għamel fil-maħżen li kien hemm fil-qalba tal-bini tal-knisja. Imma fuq kollox, din is-sena, tfakkarna wkoll fid-90 sena li ilha mwaqqfa l-Parroċċa tagħna.

## Il-ħidma biex saret Parroċċa

Fl-aħħar tas-seklu dsatax, Tas-Sliema, bdiet tara żieda qawwija fil-popolazzjoni. Dak iż-żmien kien hawn Parroċċa waħda dik ta' Stella Maris. Il-Knisja tagħna kienet ilha mibnija 19-il sena. Fil-bidu tas-sena 1899 saret l-ewwel talba, fuq inizzjattiva ta' l-Avukat Dr. Enrico Zammit LL.D, biex il-knisja tagħna ssir Parroċċa. Dan ġabar numru kbir ta' firem u ressaq it-talba ta' bosta nies lill-Isqof Pietro Pace. Din it-talba ma kellha ebda riżultat.

Fl-1909 twaqqaf Kumitat min-nies kwalifkati, taħt il-Presidenza ta' l-Avukat Dr. Alfredo Stagno LL.D, flimkien ma' tobba, periti u negozjanti, biex jaħdem għal dan il-għan. Fiċ-ċensiment ta' l-1901, Tas-Sliema, kellha diġà popolazzjoni ta' 12,015 persuna. Għalhekk aktar bdiet tinħass il-ħtieġa ta' Parroċċa oħra. Il-Kumitat ħadem kemm felaħ b'enerġija kbira u bi skop qaddis. Inġabru firem tan-nies diversi drabi u dikjarazzjoni ffirmata minn diversi tobba biss. Saret laqgħa mal-Viżitatur Appostoli, Pietro La Fontaine, li kien ġie mibgħut hawn Malta. Inkitbu ittri lill-Kongragazzjoni Konċistorjali, kif ukoll żewġ ittri lill-Papa Piju X, personalment, bir-rakkondazzjoni tal-Viġarju Ġenerali Mons. Isoqf Angelo Portelli OP. F'din il-ħidma kollha ma naqasx l-interess tal-Patrijiet kemm tal-Gwardjan P. Felice Grima, li kienu jqisuh bħala l-Kappillan tagħhom, kif ukoll tal-Kustodju Provinċjali P. Serafino Xerri OFM. Ħa interess ukoll il-Viżitatur Rev. P. Filippo Petracca OFM u l-istess ġeneral ta' l-Ordni r-Rev. P. Pacifico Monza OFM. Dan il-Kumitat dam imwaqqaf sa Awwissu ta' l-1913 għax fl-aħħar fehem li x-xogħol u t-taħbit li kien għaddej minnu kien kollu għal xejn.

## It-Twaqqif tal-Parroċċa

Kellha tkun il-mewt tal-Kappillan ta' Stella Maris, Dun Franġisk Vinċenz Manchè, biex wasslet lill-Arċisqof Don Mauro Caruana OSB biex ħa d-deċiżjoni li l-Knisja tagħna tiġi ddikjarata Parroċċa Indipendenti. Huwa ħareġ id-digriet fl-24 ta' Settembru ta' l-1918 u bdiet tiffunzjoni fid-29 ta' l-istess xahar. Kien iddikjara wkoll li l-knisja tal-Gżira li fl-1912, kienet iddikjarata Viċi Parroċċa ta' Stella Maris issa tkun il-Viċi Parroċċa tal-Knisja Parrokkjali tagħna.

Għaddew disgħin sena minn din il-ġrajja. Matul dawn is-snin kollha rajna l-knisja tagħna tinbidel u tisbieħ ad unur tal-Madonna għażiża tagħna. Il-Patrijiet ma naqsu qatt milli jkomplu jxerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor. Il-ħidma Pastorali Parrokkjali ma qatgħet xejn anqas fl-eqqel żminijiet koroħ ta' l-aħħar gwerra dinjija. Iġġarfet parti mill-knisja. Il-kunvent sar borġ ġebel. Il-Patrijiet sabu kenn f'dar fi Triq Rudolfo. U hekk baqgħu fost is-Slimiżi mnikkta bl-imwiet u b'kull tiġrib li ġabet magħha l-gwerra. Dejjem kellhom kliem ta' faraġ għal kulħadd. Il-Madonna bierket il-ħidma tal-



Patrijiet tagħna b'għadd sabiħ ta' vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali fi ħdan l-Ordni Franġiskan. Harġu wkoll vokazzjonijiet f'Ordnijiet reliġjużi oħra u saċerdoti Djoċesani, kif ukoll bosta sorijiet.

Il-Knisja tagħna kienet dejjem magħrufa għas-servizz pastorali li dejjem offriet. Min jaf kemm erwieħ sabu s-serħan tal-moħħ u tal-qalb fis-Sagrament tal-Qrar u l-Griżma tal-morda. It-tqarbin fid-djar tal-morda kien wieħed mill-prijoritajiet li kull Kappillan dejjem kellu flimkien mal-Patrijiet l-oħra. It-tagħlim tad-Duttrina għas-subien dejjem kien f'idejn is-Soċjetà tal-Museum. Dak tal-bniet kien jingħata fl-Oratorju li nbena apposta u wara li sar sala parrokkjali għall-films, beda jsir fil-kunvent. Twaqqfu diversi friegħi ta' l-Azzjoni Kattolika u Legion of Mary.

Il-ħidma pastorali dejjem ġiet aġġornata skond il-ħtieġa taż-żminijiet. Aktar minn 50 sena ilu bdiet tippublika "Leħen il-Parroċċa u għadha sal-lum. Fl-1965 ittieħdet parti mill-ġnien tal-kunvent biex inbena ċ-Ċentru Parrokkjali. Illum il-Parroċċa tħaddan fiha Djakonija tat-tfal, il-Media Centre, Kummissjoni Anzjani u l-Kummissjoni Familja li tmexxi l-librerija. Il-Parroċċa għandha wkoll il-Web Page tagħha. Numru sabiħ ta' Ministri Straordinarji tat-Tqarbin li jagħtu servizz kemm fil-knisja u kemm lill-anzjani fid-djar tagħhom.

Għaddew 90 sena u dan ifisser li l-Parroċċa xjieħet ukoll. Il-Parruċċani naqsu sewwa u fil-maġġoranza huma anzjani. Meta nqalbu l-arkivju Parrokkjali nsibu li tul dawn id-90 sena kien hawn 13,663 Magħmudija, Griżma ta' l-Isqof 14, 096, saru 3,778 żwieġ u 7,265 funeral. F'din l-okkażjoni tkun ħaġa xierqa li niftakru fil-Kappillani u l-Patrijiet mejtin li ħadmu b'tant sagrifiċċju għall-ġid ta' l-erwieħ. Niftakru wkoll f'tant parruċċani li mietu matul dawn is-snin kollha. Jalla l-Madonna tas-Sacro Cuor tibqa' tifrex il-mant kaħlani tagħha fuq il-Parroċċa għażiża tagħna biex tkompli taqdi l-missjoni tagħha għal ġid spiritwali tas-Slimiżi.



Nirringrazzjaw lil Patri George Bugeja tal-ħidma li wettaq f'dawn l-aħħar erba' snin bħala Kappillan tal-parroċċa tagħna, filwaqt li nilqgħu fostna lil Patri Joe Caruana bħala l-Kappillan il-ġdid.
Nirringrazzjaw lil Patri Anton Farrugia tal-ħidma li wettaq bħala Sagristan Maġġur fil-Parroċċa tagħna u nawgurawlu fil-ħidma ġdida tiegħu bħala Gwardjan fil-Knisja tal-Ħamrun.


**Henry Bason**

*Insurance Sub-Agent*

**Gasan Mamo Ins. Agency Ltd**

**120, Valley Road, Msida**

**Tel: 21 311318, 21 334064 • Mob: 9949 6632**